# AVANTE!

*Ta'* Wallace Ph. Gulia

La tharisx lura. Aħseb biss f'li ġej;
dak li kien kien u qatt ma jerġa' jiġi.
"Li kieku" qatt ma seħħ —
minn t'issa biss li ġej joħroġ u jsir.

La taqtax qalbek; la tibżax; ittama;
jekk ma tiqafx lir-riħ jaqsmek u jfarrkek;
il-mewġ jibilgħek jekk ma taħkmux taħtek;
il-ħajja tagħmlek tlief.

Tħift il-lum?
tgħallimt u tirbaħ għada.
Titlef għada? Jasallek pitgħada,
u wara pitpitgħada hemm il-ġimgħa,
ix-xhur u s-snin li għad iż-żmien iwelled.

Fis-sema l-kwiekeb jiddu fuq iċ-ċpar tax-xitwa.